**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 16 ta' Novembru 2021**

Rikors Numru: 436/21 AL

AB

u

CD

Rat ir-rikors li ġie preżentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettew:

1. Illi l-partijiet inghaqdu fiz-zwieg nhar it-tmienja (8) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) fil-Knisja Kolleggjata Parrokjali ta' San Pawl, il-Belt Valletta, Malta, kopja tac-certifikat taz-zwieg qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala "Dokument A";

2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx ulied;

3. Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni datat l-erbgha (4) ta' Gunju tas-sena elfejn wiehed u ghoxrin (2021) fl-Atti tan-Nutar Dottor Michela Marie Mifsud, kopja tal-istess qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala "Dokument B";

4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi oltre l-fatt illi ilhom jghixu separatament sa’ mill-ghaxra (10) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015), huma ghandhom hajja totalment separata u indipendenti minn xulxin;

5. Illi ma hemm ebda pendenza rigward hlas ta' mantenimentonn xi parti fil-konfront tal-parti l-ohra, u dan anke ghaliex il-partijiet irrinunzjaw reciprokament mid-dritt illi jitolbu u jottjenu hlas ta' mantenimentonghand xulxin, u dan hekk kif jirrizulta car minn klawsola numru erbgha (4) tal-fuq imsemmi kuntratt ta' separazzjoni;

6. Illi dawn il-fatti jinkwadraw ruhhom u jissodisfaw il-kondizzjonijiet u kriterji kontemplati fl-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex ilpartijiet jiksbu d-divorzju.

Talbu lil dina l-Qorti sabiex:

1. Tippronunzja d-divorzju ossia l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn dina l-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex isiru d-debita registrazzjoni u annotamenti fl-atti civili relattivi fir-Registru Pubbliku u dan ai termini tal-Artikolu 66A(4) tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata taż-żewġ rikorrenti;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-8 ta’ Ottubru 2021;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi

l-partijiet ilhom legalment separati mill-4 ta' Gunju, 2021 u ilhom aktar minn sitt xhur *de facto* separati minn ma' xulxin;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan tal-ahhar, fl-iqsar żmien possibli jirregistra d-divorzju taghhom fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.